**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta mizmuma llum l-Erbgha, 21 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri )**

**vs**

**Giuseppe Condello Borg**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet kif emendati migjuba kontra:

Giuseppe Condello Borg ta' 25 sena, iben Ignazio u Graziella xebba Acciarito, imwieled gewwa Augusta l-Italja nhar it- 23 t' April 1997 u residenti gewwa fond 48 Triq Gnien id-Dwieli Mgarr (Malta), detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 187520A.

Akkuzat b`diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b`riżoluzzjoni waħda:

1. Talli nhar it-30 ta' Ottubru 2022 fil-hinijiet ta' filgħodu, fi [sic] Santa Marija Mgarr ikkommetta serq minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota Hylux bin-numru tal-pjanci SAQ-899 għad-detriment ta' Sian Camilleri, liema serq huwa

kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix  l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan bi ksur  tal-Artikoli  18, 263, 267, 270, 271(g)  tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli  nhar is-6 ta' Novembru 2022 fil-hinijiet ta' filghodu, fi Triq San Filippu Mgarr kkommetta serq minn gewwa vettura tal-għamla Toyota Hylux bin-numru tal-pjanci SAQ-899 għad-detriment ta' Sian Camilleri, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil-ħin u bix-xorta  tal-ħaġa misruqa u dan bi ksur tal-Artikoli  18, 263, 270 u 271(g) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Akkuzat ukoll talli fix-xhur ta' Ottubru 2022 u Novembru 2022 gewwa l-Mgarr ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma' tiskorrix il-valur ta' 250€, ghad-dannu ta' Sian Camilleri, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Akkuzat ukoll talli nhar l-4 ta' Novembru 2022 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu gewwa Triq l-Ghammiel tal-bejt fil-Mosta u ghad-detriment ta' Nickolai Sant, ittanta jisraq minn gewwa vettura tal-ghamla Land Rover bin-numru tal-pjanci BOH-090 liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu, liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a), 263, 267 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Akkuzat ukoll  talli nhar l-4 ta' Novembru 2022 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu gewwa Triq l-Ghammiel tal-bejt fil-Mosta ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma' tisskorrix  l-valur ta' 250€, ghad-dannu ta' Nicolai Sant, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Akkuzat ukoll talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 2022 fl-inhawi tal-Mgarr (Malta) saq vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru tal-pjanci

FBU403 minghajr ma' huwa fil-pussess ta' licenzja tas-sewqan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Akkuzat ukoll talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 2022 fl-inhawi tal-Mgarr (Malta) saq vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru tal-pjanci FBU403 minghajr ma' kellu polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, bi ksur tal-Artikolu 3 tal- Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Akkuzat ukoll  talli nhar il-21 ta' Novembru 2022 ghall-habta tas-13:00hrs, minn gewwa l-binja tal-Qorti ta' Malta sitwata fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta, harab mill-kustodja tal-persuni inkarigati mil-kustodja tieghu bi ksur tal-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkonsidra lil Giuseppe Condello Borg bħala reċidiv, b'sentenzi li huma defenittivi u ma jistgħux jiġu mħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lil Giuseppe Condello Borg sabiex jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li dawn il-proceduri jsiru bil-procedura sommarja.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' disa' (9) snin prigunerija u multa ta' hamest elef erba mija u tlieta u sebghin Euro (€5,473) u

ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. L-imputat gie mixli *inter alia* bir-reat kontinwat ta' serq. L-ammissjoni tieghu kienet wahda inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Allura meta huwa ammetta ghal dawn l-imputazzjonijiet, l-imputat ammetta wkoll li dawn is-sitt reati saru bhala reat kontinwat

9. Fin-noti tieghu il-Prof. Anthony Mamo jghid li sabiex ikun hemm reat kontinwat jehtieg li jigu sodisfatti dawn ir-rekwiziti:

*"1. A plurality of violations of*
*2. the same provision of the criminal law, committed in pursuance of*
*3. the same resolution"*

10. Fil-kaz odjern ghalkemm l-imputat ammetta li ikkommetta zewg serqiet differenti u tentattiv ta' serq iehor, dawn is-serqiet m'humiex kwalifikati kollha bl-istess mod, u ghalhekk ma jistghax jinghad li hemm ksur tal-istess disposizzjoni tal-ligi. In oltre, ghar-rigward it-tielet rekwizit u cioe li r-reati ikunu saru b'risoluzzjoni wahda, il-Prof. Mamo jghid hekk:

*"… … (O)ne must not fall into the opposite extreme of confusing the resolution or design with the habit or tendency to delinquency or with the ultimate motive which induces a man to commit several crimes: … … So likewise if a pick-pocket goes about*

*among a common crowd at a public feast and steals the watch of one man, the wallet of a second etc., he is guilty of several thefts and not of one continuous theft. In fact it is clear that, in such cases, … … each theft, is complete in itself, and a fresh resolution is formed … … in the case of the pick-pocket, each time the movements of the crowd offer him a fresh opportunity of carrying on his nefarious practices to the detriment of a neighbour."*

11. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, huwa car li d-diversi serqiet kommessi mill-imputat ma jistghux jigu ikkunsidrati li saru b'risoluzzjoni wahda, u konsegwentement ma jistghax jigi applikat ghal kaz odjern il-kuncett ta' reat kontinwat, kif preskritt fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

12. Ghaldaqstant ghalkemm fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, pero mhux qed issibu hati li ikkommetta dawn ir-reati b'rizoluzzjoni wahda.

13. Rigward il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li ghalkemm ma jistghax jinghad li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, ghaliex din l-ammissjoni saret fl-istadju tal-provi tad-difiza, min-naha l-ohra matul dawn il-proceduri d-difiza dejjem ikkoperat u agixxiet b'mod spedjenti sabiex dawn il-proceduri setghu jithaffu.

14. Mix-xhieda tal-Social Welfare Professional tal-habs, jirrizulta li l-imputat gharaf juzufruwixxi mill-perjodu ta' arrest preventiv li huwa ghamel pendenti dawn il-proceduri. Huwa beda jattendi sessjonijiet sabiex jghinuh jeghleb il-vizzju tad-droga, kif ukoll beda sessjonijiet ta' terapija tal-familja li se jibda jaghmel flimkien mal-mara tieghu. Huwa jahdem ukoll gewwa l-habs u jidher li immatura hafna mill-ewwel darba li dahal taht arrest in konnessjoni ma' dawn il-proceduri. Huwa jidher motivat li jirriforma ruhu u applika sabiex jaghmel programm ta' riabilitazzjoni mid-droga.

15. Fit-trattazzjoni orali, d-difiza qalet ukoll li l-imputat ghandu intenzjoni jirrizarcixxi lill-partijiet lezi.

16. Dawn kollu wassal lill-Qorti sabiex taqbel mas-sottomissjoni tal-partijiet li l-piena ghandha tkun fil-minimu. In oltre, ma tarax li hemm lok li zzid il-piena minhabba l-imputat huwa recidiv, mhux biss minhabba dak li fuq inghad, izda wkoll ghax hu ghandu kundanna wahda biss ghal reat fuq iz-zamma tal-annimali.

17. Pero, fil-kalkolu tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, kif obbligata li taghmel, l-Artikolu 278(2) tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi li *"Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha."* Ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kodici Kriminali, *"(m)eta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum."*

18. Il-piena ghat-tielet u l-hames imputazzjoni ta' danni volontarji ghandha tigi assorbita fil-piena tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, stante li dan ir-reat ta' danni volontarji serva bhala mezz ghal fini biex gew kommessi z-zewg reati ta' serq u r-reat ta' tentattiv ta' serq.

**Konkluzjoni**

19. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 261(c), 263, 267, 270, 271(g), 325(1)(c), 41(1)(a), 151, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu (hlief ghall-imputazzjoni tar-reat kontinwat), u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' hamsa u ghoxrin (25) xahar prigunerija, li minnu ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

2. In oltre, il-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-piena tal-hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sebghin Euro (€70.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

3. In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. Il-Qorti tordna wkoll li l-hati jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li fiha huwa jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi erogata b'din is-sentenza.

5. In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil hati biex ihallas:

    (i) lil Sian Camilleri l-ammont ta' elfejn mija u erba' u erbghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€2144.86), rapprezentanti kwantu ghall-ammont ta' elfejn u hamsa u sebghin Euro (€2075) il-flus kontanti misruqa mill-hati mill-vettura tieghu, u kwantu ghall-ammont ta' disa' u sittin Euro u sitta u tmenin centezmu (€69.86) l-ammont ta' hsara kagunati lill-vettura.

    (ii) Lil Nikolai Sant l-ammont ta' mija u disa' Euro u erbgha u hamsin centezmu (€109.54) rapprezentanti d-danni kagunati lill-vettura tieghu tieghu.

Dan iz-zewg ordnijiet ghall-hlas ghandhom jikkostitwixxu titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**